MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2017

Rikors Maħluf Numru 262/17LM

**Daniel Petrila Limited [C-45450]**

***vs.***

**Il-bastiment MY Woodpecker of Poole [Numru uffiċjali 182513]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2017 mis-soċjetà attriċi **Daniel Petrila Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li ġie maħluf minn Daniel Petrila, u li jgħid kif ġej:

> 1. *Illi s-soċjetà attriċi wettqet f'diversi okkażjonijiet u fuq talba tal-proprjetarji tal-bastiment konvenut MY Woodpecker of Poole, diversi xogħlijiet ta' riparazzjoni u*

*manutenzjoni fuq l-istess bastiment, u dan waqt li dan il-bastiment kien jinsab f'Malta kif fil-fatt għadu;*

*2. Illi għal dawn ix-xogħlijiet is-soċjetà attriċi kienet ħarġet diversi fatturi għall-ħlasijiet dovuti lilha mill-bastiment konvenut u dan fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (Euro 28,343) kif jirriżulta mill-anness rendikont (Dok. DP1[1]) liema ammont għalkemm promess diversi drabi lill-atturi baqa' mhux imħallas lilhom;*

*3. Illi in vista tal-premess l-atturi huma kredituri tal-bastiment konvenut fis-somma kumplessiva ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (Euro 28,343) liema somma tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar u dan kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża.*

*4. Illi l-atturi interpellaw kemm-il darba lill-bastiment konvenut u l-proprjetarji tiegħu sabiex iħallsu l-ammont dovut iżda dawn baqgħu inadempjenti.*

*5. Illi d-dejn suriferit huwa wieħed ċert, likwidu u dovut.*

*Għaldaqstant jgħid il-konvenut 'l għaliex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet suesposti, u previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, m'għandhiex:*

1. *tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u dan a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

2. *tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (Euro 28,343) u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (Euro 28,343) rappreżentanti l-bilanċ rimanenti fuq il-fatturi kollha maħruġa għax-xogħlijiet imwettqa fuq il-bastiment fuq inkarigu tal-istess proprjetarji konvenut u dovuti lill-atturi, kif fuq spjegat;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta' arrest ta' bċjejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma inġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

[1] Rendikont mis-07.11.2014 sas-06.10.2015 *a fol.* 4 sa 6 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' April, 2017 li biha ordnat in-notifika *ai termini* tal-artikolu 187(3) bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni wara li ma nstab ħadd li seta' jiġi notifikat abbord il-bastiment konvenut **MY Woodpecker of Poole** [Numru uffiċjali 182513].

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti u x-xhieda.

Rat illi għalkemm il-bastiment konvenut **MY Woodpecker of Poole** (minn issa 'l quddiem "il-bastiment konvenut"), kien debitament notifikat, waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2017 ma deher ħadd għalih u ma deher ħadd biex jassistih biex iwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Semgħet ix-xhieda ta' **Daniel Petrila** bħala rappreżentant tas-soċjetà attriċi, li bil-ġurament tiegħu kkonferma illi mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf sad-data tal-ewwel smigħ ta' din il-kawża u ċjoè sad-19 ta' April, 2017 ma tħallas xejn lis-soċjetà attriċi mill-bastiment konvenut mill-ammont dovut lilha ta' tmienja u għoxrin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (Euro 28,343).

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April, 2017, fejn il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawża, is-socjetà attriċi qed titlob il-ħlas mingħand il-bastiment konvenut MY Woodpecker of Poole tal-bilanc minn somma akbar għal xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà attriċi fuq il-bastiment konvenut fuq inkarigu tal-proprjetarji tal-bastiment konvenut. It-talba attriċi ġiet promossa bħala azzjoni *in rem* kontra l-bastiment konvenut u l-bilanċ reklamat huwa ta' €28,343.

Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet *vs.* Samuel Gatt**[2]

> "Iżda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jikkontempla diversi eċċezzjonijiet għall-proċediment ordinarju, ewlenin fosthom (i) il-proċedimenti speċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 għar-rigward ta' talbiet mhux opposti; (ii) il-proċedimenti sommarji speċjali ai termini tal-artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12, magħrufa komunement bħala l-proċedura tal-giljottina; (iii) il-proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12. Bħala fattur komuni inerenti f'dawn it-tlett proċeduri speċjali, hemm qabel xejn il-konferma bil-ġurament tad-debitu mill-kreditur u l-fakultà mogħtija lid-debitur biex jopponi għall-pretensjonijiet tal-kreditur."

F'dan il-proċediment jirriżulta li l-bastiment konvenut ġie debitament notifikat. Huwa veru li fi proċedimenti *in rem* l-azzjoni ssir kontra l-vapur però kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Max Ganado *noe. vs.* Captain Sebastiano Pizzimenti *noe.***[3]:

[2] 5.10.2015.
[3] 30.11.2011.

> “huwa fatt inkontestat li l-azzjoni *in rem* trid tiġi intavolata kontra l-bastiment, li hu konvenut fil-kawża, mingħajr in-neċessità li jissemew is-sidien tal-bastiment. L-azzjoni hija separata mill-azzjoni *in personam*. L-appellant *nomine* huwa korrett meta jissottometti li bl-emendi li saru fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, meta tiġi intentata kawża kontra bastiment huwa biżżejjed li jissemma l-istess bastiment biss, u li skont il-Kap.234 bastiment jikkostitwixxi klassi partikolari ta’ immobbli distinta mill-proprjetà tas-sidien għall-garanzija tà l-azzjonijiet u krediti li għalihom ikun suġġett il-vapur. Iżda bastiment huwa oġġett inanimu, u kif sewwa jissottometti l-appellat nomine, il-liġi tirrikjedi li f’azzjonijiet kontra l-bastiment in-notifika ssir lil persuna fiżika u mhux biżżejjed li din titwaħħal jew tiġi mħollija fuq il-vapur, għar-raġuni ovvja li hija l-persuna fiżika li tista’ tressaq difiża għal dak allegat kontra l-bastiment”.

Illi jirriżulta illi wara li fl-ewwel tentattiv ta’ notifika ma nstab ħadd fuq il-bastiment konvenut, saret in-notifika bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali bl-Ingliż u għaldaqstant kull min għandu interess fil-bastiment konvenut f’għajnejn il-liġi ġie debitament notifikat.

Illi ħadd ma deher għas-seduta tad-19 ta’ April, 2017 għan-nom tal-bastiment konvenut u għaldaqstant it-talba għad-dispensa tas-smigħ ma ġietx ikkontestata.

Illi tenut kont li r-Rikors Maħluf promotur ġie debitament irrikonfermat mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, Daniel Petrila li bil-ġurament tiegħu kkonferma illi l-ammont komplessiv mitlub mis-soċjetà attriċi lill-bastiment konvenut għadu dovut fl-intier tiegħu u li mill-preżentata tar-Rikors Maħluf promotur il-bastiment konvenut ma effetwa l-ebda pagament lis-soċjetà attriċi minkejja li Daniel Petrila kien in kuntatt mal-proprjetarji tal-vapur konvenut sa ġimgħa qabel.

Illi minkejja li l-bastiment konvenut ingħata l-opportunità *ai termini* tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, baqa' ma ppreżenta l-ebda sottomissjoni sat-terminu lilu indikat.

Illi għaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);**

2. **Tiddikjara li l-bastiment konvenut MY Woodpecker of Poole [Numru uffiċjali 182513] huwa debitur fil-konfront tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (€28,343); u**

3. **Tikkundanna lill-bastiment konvenut MY Woodpecker of Poole [Numru uffiċjali 182513] iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmienja u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Euro (€28,343), bl-ispejjeż**

**kontra l-istess bastiment konvenut u bl-imgħax kummerċjali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.**

Moqrija.